MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 5/2013

**Cutajar Ltd (C-4975)**
**Vs**
**R C Collections Ltd (C-39487)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha l-ammont ta' mija u disa' ewro u sitta u sebghin centezmu (Eur 109.76) dovuti ghal merkanzija konsistenti fi '*steam irons'* mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta; bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tad-9 t'Ottubru, 2012, u bl-imghax legali mill-11 t'Awwissu 2011 data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ta' l-istess socjeta' konvenuta ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-13 ta' Frar, 2013 mill-Avukat Anthony Cutajar u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mija u disa' ewro u sitta u sebghin centezmu (Eur 109.76) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal- 11 t'Awwissu, 2011 data tal-konsenja sal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------